IT-TIELET KTIEB SETTEMBRU
TAL-ĦDAX-IL-SENA 1935

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

Kelma għaqlija fuq il-lsien Malti — Is-Sunett (DUN KARM) In-Nutari (ĠUŻE GATT) — Taqbida ta' Erwieħ fl-ajru (P.P. SAYDON) — Mikiel Anton Vassalli (A. C.) — Mewt u xita (IVO MUSCAT AZZOPARDI) — Bewsa (DUN KARM) — Ġejja x-xita (R. M. B.) — Kotba li waslulna — Kotba u rivisti stampati bl-ortografija u l-Alfabet tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1935

# KELMA GĦAQLIJA FUQ IL-LSIEN MALTI

"Fuq il-kitba u l-qari malti għandna ngħidu wkoll xi ħaġa. Ma hemmx pajjiż fid-dinja, illi fih il-poplu ma jaqrax bil-lingwa tiegħu: hekk ukoll, immela, għandhom jagħmlu l-Maltin. Mhux kulħadd kellu, jew għandu, żmien biex jitgħallem lingwi oħra: mhux kulħadd jista' jżomm lil uliedu żmien twil fl-iskejjel, sabiex jitgħallmu żewġ lingwi, Taljan u Ingliż, li ma jridux sena u tnejn sakemm it-tfal ikunu jafuhom, billi xejn ma għandhom x'jaqsmu dawk il-lingwi ma' tagħna, il-Maltija. U għalhekk ħaġa tajba u tajba wisq rajniha dejjem illi l-qari bil malti ġie mdaħħal fl-iskejjel tal-Gvern. Din kienet ħaġa magħmula bil-għaqal u sewwa. Mnejn ġie li l-lum it-tfal tan-nies tas-snajja' (bniet u subien) u l-wisq mit-tfal tar-rħula (bniet l-iżjed) jaqrawlek, tista' tgħid kollha, bil-malti?

"Il-qari malti, immela, fl-iskejjel tal-Gvern kien ġid għal dak li hu tagħlim tal-poplu: u l-gvern ma jistax ikun li ma jiħux pjaċir, meta aħna (li ma aħna xejn, imma għajnejna fuq dawn il-ħwejjeġ) ingħidulu illi l-Malti sewa wisq fl-iskejjel tiegħu għat-tagħlim tal-poplu . . .

"Nafu li hawn xi wħud illi jmaqdru l-kotba bil-malti (għaliex huma jewilla jafu bit-taljan u bl-ingliż)

bħallikieku l-Malti jinkiteb għalihom! Kull min imaqdar il-kotba maltin li jixterdu għall-poplu juri nuqqas tal-għaqal, u mhux dan biss, imma juri wkoll nuqqas ta' l-imħabba lejn il poplu."

B'dan il-kliem Gio: Anton Vassallo għalaq il-ktieb tiegħu "Ġesù Kristu fid-Dinja", maħruġ fl-1861.

Issa l-kliem bħall-frott tas-siġar: ħelu jew qares, tajjeb jew ħażin, ħafif jew wiżżien skond ma tkun is-siġra. Siġra ħażina frott ħażin tagħmel: siġra tajba tagħmel frott tajjeb.

Min kien Ġio: Anton Vassallo? Kien professur u poèta: raġel sewwa li malli tagħarfu tħobbu, u jekk għal xi imma ma tħobbux, ikollok b'saħħa tqimu. Fil-ħajja letterarja tal-Maltin ma nsibux moħħ u qalb aktar imweżnin minn tiegħu. Ħsiebu u mħabbtu kienu kollha għal pajjiżu, għal Malta ċ-ċkejkna, *il-Gżira tal-mistrieħ, il-gżira tan-naħal u tal-għasel*; iżda l-ħsieb tiegħu u l-imħabba tiegħu kienu dejjem fil-miżien tal-ħaqq u tas-sewwa. Ma kien jinsa lil ħadd mill-pajżani tiegħu; ma kien jonqos lil ħadd mill-barranin.

Bħalma huma fi żmienna, hekk bejn wieħed u ieħor kienu l-Maltin ta' żmien il-Prof. Vassallo, jiġifieri, xi wħud mgħallmin fl-ilsna barranin, skond ma kienet titlob il-professjoni, jew is-sengħa, li kellhom, oħrajn — aktarx il-biċċa l-kbira— nies ta' skola żgħira, li ma jafux għajr bil-malti, jekk ma kinux ukoll sajmin għal-kollox mit-tagħlim.

Għalhekk Gio: Anton Vassallo, raġel tassew imwieżen, ried jagħti saħħtu u għerfu lil kulħadd, lill-Maltin kollha, għax kollha ħutu, kollha ġensu, kollha ħbiebu. B'ħeġġa kbira tgħaliem il-Latin, it-Taljan, l-Ingliż u l-Franciż, biex b'dawn l-ilsna jkun jista' jaqdi lil dawk li kienu ħarġu mill-iskejjel kbar u mill-Università:

tgħallem ukoll il-Malti u l-Għarbi biex ikun jista' bihom jaqdi lil ulied ir-raba', lil ulied il-barriera u lil ulied ix-xtut.

Għal ta' l-ewwel kiteb bit-taljan—u għamel ħiltu kollha biex jikteb tajjeb—"La Storia di Malta raccontata in Compendio", biċċa xogħol sabiħa u ta' fejda li qalgħetlu t-tifħir mhux biss tal-Maltin ta' rieda tajba, iżda tal-barranin ukoll: għal tat-tieni, b'imħabba kbira u b'sabar tal-għaġeb ħejja l-"Istorja ta' Malta miktuba għall-Poplu", barra minn kotba oħra ta' fejda reliġjuża.

Billi, mbagħad, Gio: Anton Vassallo kien jaf illi l-Maltin, bħala ġens imnissel mill-Lvant u li jitkellem semi, għandu xejra kbira għall-poeżija u kien jaf ukoll x'setgħa qawwija għandhom il-versi fuq il-qalb tal-bniedem, ħejja u ħareġ poeżijiet fuq suġġetti mżewwqin ħafna, iżda kollha fejjieda, u kollha maħdumin b'ħeġġa u b'sengħa hekk kbira li fit-taħbit tas-sillabi tisthajlek tisma' t-taħbit ta' qalbu, u fin-nisġa tal-versi tara mqassam id-disinn ta' ħsiebu.

Siġra tajba tagħmel frott tajjeb. Il-kelma ta' bniedem ta' din il-għamla hi dejjem kelma wiżżiena, għaliex il-kliem tal-għaref irżin, li jħobb lil pajjiżu b'dak kollu li hu tal-pajjiż, u li ma jbarri xejn minn dak li hu xieraq, hi kelma mimlija tjieba; u t-tajjeb jiżen.

Għalhekk il-kelma ta' dan il-għaref u patrijott sinċier issaħħaħna u twettaqna fl-imħabba tal-lsien tagħna u tħeġġiġna biex ma nieqfu qatt fuq it-trieq li qbadna aktar minn għaxar snin ilu, u tirfed fina t-tama sabiħa illi fl-aħħar ħutna l-Maltin ikunu l-koll qalb waħda u fehma waħda fuq is-siwi u l-ħajr ta' l-isbaħ u ta' l-oħla rabta li jista' jkollu poplu, *il-lsien tiegħu.*

# IS-SUNETT

*Taħdita żgħira fuq is-sura u fuq l-istorja tiegħu, għażżgħażagħ li qegħdin jitħarrġu fil-kitba tal-versi maltin.*

Xinhu s-Sunett? Kull min ta mqar l-ewwel pass fl-istudju ta' xi letteratura—taljana, ingliża, maltija, jew ta' nazzjon oħra—jaf igħidlek illi s-sunett hu komponiment poëtku ta' erbatax-il-vers, kollha tal-ħdax, u li dawn l-erbatax-il-vers huma dejjem imqassmin hekk: żewġ erbgħat—l-ewwel tmien versi—, u żewġ tlitiet—l-aħħar sitt versi. U jaf igħidlek ukoll illi dawn il-versi huma dejjem imqabblin, għalkemm it-taqbil tagħhom jista' jkun ta' bosta għamliet.

Iżda l-għerf ta' dawn iż-żgħażagħ ta' l-ewwel pass fil-letteratura aktarx ma jasalx lilhinn minn daqshekk, u ftit li xejn jobsru illi dan il-komponiment ta' erbatax-il-vers hu wieħed mill-aktar iebsin, u li ta x'jagħmlu mhux ftit saħansitra lill-aħjar kittieba ta' kull nazzjon, biex waslu ħallewlna xi ftit eżempji li huma tajbin tassew.

U anqas naħseb li jafu meta, kif u fejn tnissel dan il-komponiment illi, b'xi tibdil żgħir fil-għamla tiegħu, daħal u baqa' dejjem miġjub fil-letteraturi tan-nazzjonijiet kollha ċivili.

* * *

Is-sunett komponiment tqil u iebes; għaliex?

Għaliex is-sunett fil-qosor tiegħu jeħtieġ illi jiġbor u jagħlaq ħsieb ta' sura u ta' għamla ġdida; ħsieb qawwi, għoli u sabiħ li jħalli fuq min jaqrah tebħa li ma titħassarx malajr, u tnissel fih ħass ta' hena, jew ta' niket li ma jafx jekk qattx ikun ġarrbu qabel.

Barra minn dan, is-suġġett tas-sunett irid ikun tal-qies, jiġifieri li jidħol sewwa fl-erbatax-il-vers bla tiġbid u bla rass. Għax is-sunett hu bħal libsa meħjuta għal persuna ta' qagħda sabiħa u dilikata, u twaġġa' l-għajnejn, jekk lil min ixiddha tiġih wiesgħa, jew dejqa.

Il-poëta taljan Giosué Carducci sejjaħ lis-sunett "breve e amplissimo carme", "għanja qasira, li tħaddan bosta", u għalhekk is-sunett, għalkemm iwieġeb tajjeb għal kull xorta ta' argument, qatt ma kien, u aktarx qatt ma jkun il-għanja tal-poplu.

* * *

La darba s-sunett hu komponiment hekk tqil u iebes, kif inhì li ma hawnx poëta fl-Ewropa li ma ntafax jikteb xi sunetti?

Ara: Jekk trid tqajjem fil-bniedem il-ħajra ta' ħaġa, u tħeġġeġ fih il-qawwa tar-rieda biex jaqlagħha, ċaħħdu minn dik il-ħaġa. Dan minn awl id-dinja. Għid lil tifel li hu ma għandux ħila jarfa' ġebla minn l-art għaliex tqila, u tarah jintafa' b'saħħtu kollha u b'qalbu kollha biex jurik li jista' jerfagħha. Uri lil wieħed żagħżugħ qalbieni quċċata ta' għolja mwiegħra u mkissra, u għidlu li dik il-quċċata ma hix għalih, u inti tarah bi ħbula, b'ponot tal-azzar u b'idejh u b'riġlejh jaqbad mal-blat, jitkarkar, jixxabbat, sakemm bid-daħka fuq xofftejh isammar riġlu fuq l-aħħar pinna tal-għolja u jħares madwaru bħallikieku biex igħid lid-dinja kollha: Għaddiet tiegħi; tlajt.

Hekk hu; aktar ma hu iebes is-suġġett, aktar issib qalbiena li jindaħlu għalih: iżda kif mhux kull min jibda jixxabbat ma' muntanja, jasal sal-quċċata, hekk mhux kull min iwaħħal rasu mas-sunett jirnexxilu jaħdmu tajjeb u jagħti eżempji tiegħu li jibqgħu fit-teżor tal-letteratura.

* * *

Iżda nerġgħu pont lura. Dan li għidna ma jfissirx illi min ma jitlax sal-quċċata tal-muntanja ma jkun tala' xejn, le. Min jitla' biċċa sabiħa mit-telgħa wieqfa, imwiegħra u mkissra, minn fejn ikun jista' jħaddan b'ħarstu medda kbira ta' art mifruxa taħtu, u jara, qishom maħżużin fuq mappa, bliet u rħula, xmajjar u friegħi tagħhom, għaqbiet u wileġ, imsaġar u raba' maħdum, kollox fil-lewn u fit-tifsila tiegħu, dan ikun xebba' lil qalbu b'dehra tal-għaġeb, u jkun jista', meta jinżel minn hemm, igħaxxaq lil min jisimgħu bid-deskrizzjoni li hu jagħti ta' li ra u ta' li ħass fit-tiġrib tat-tlugħ tiegħu. Biss min jaqa' fil-bidu ma jkun tala' xejn u ma jkun jista' jgħid ebda ħaġa ġdida u sabiħa.

Hekk ukoll fil-kitba, mhux kull min ma jagħtix sunetti tajbin minn kollox, ikun kiteb sunetti ħżiena. Bejn sunett ħażin u sunett mhux tajjeb għalkollox hemm dik id-divrenzja li tgħaddi bejn waqgħa fl-ewwel erba' passi tal-għolja u waqfa ftit bogħod mill-quċċata. Is sabiħ u t-tajjeb minn kollox hi warda li fil-ġonna maħdumin mill-bniedem ma tiftaħx la bil-gżuż, anqas sikwit.

* * *

Fejn, meta u kif tnissel is-sunett? Liema kienu l-ġrajja tiegħu?

Dan ngħiduh f'għadd ieħor ta' "Il-Malti".

**Dun Karm.**

# IN-NUTARI

## FL-EWWEL SNIN TA' L-INGLIŻI F'MALTA

I.

L-imġieba ta' kif dari kienu jinħatru n-Nutari, ma taqbel xejn ma' dik li biha jsiru l-lum. Għalhekk, il-ħsieb tagħna hu, li, f'din id-daqsxejn ta' kitba, nagħtu xi tagħrif dwar din il-Professjoni. Fiha,barra milli wieħed isib xi ħwejjeġ li l-lum ftit huma magħrufa, isib ukoll kif dari wieħed kien jista' jilħaq Nutar. Biex din il-ġrajja ma tkunx twila wisq, għażilna biss l-ewwel snin tal-Ħakma Ingliża f'Malta. U terġa' dan għamilnieh ukoll, għax dehrilna li, il-ħwejjeġ li ġraw fiż-żmien li semmejna, kienu biżżejjed biex il-qarrej ikun jista' jieħu ħjel sewwa ta' kif dari kienu d-drawwiet dwar il-ħatra ta' Nutari.

* * *

Il-ħatra għal Nutar fil-bidu ta' l-Ingliżi f'Malta, kienet issir bħal fi żmien l-Ordni. Xi ħwejjeġ żgħar biss setgħu tbiddlu minn Ħakma għal l-oħra.

Fi żmien l-Ordni mhux kulħadd kien jista' jsir Nutar. Niftiehmu sewwa. Dari n-nies f'Malta kienu mqassma taħt tliet setgħat. Min kien jagħmel ma' l-Isqof, min taħt l-Ingiżitur u min taħt il-Gvern ta' l-Ordni. Dawk li ma kinux jagħmlu mal-Gvern tagħna (ta' l-Ordni), ma kinux jistgħu jsiru Nutari.B'dana kollu,ġie li nzerta li kien hemm xi ħadd li billi ma weriex li kien taħt l-Isqof, daħaq bil-Gvern ta' l-Ordni u sar Nutar. Biċċa bħal din isemmiha s-Sur Vella fi ġrajjiet Birkirkara li kiteb (1).

In-Nutar imsemmi mis-Sur Vella, li daħaq bil-Gvern ta' l-Ordni, kien jismu Ġammari Sammut, minn Birkirkara. Iżda billi s-Sur Vella ma ntebaħx li min kien taħt l-Isqof ma setâx jilħaq Nutar, ma għarafx ifisser u jagħti dawl sewwa dwar il-biċċa ta' dana Sammut.

Ġammari Sammut kien tħajjar li jsir qassis. Iżda, wara li laħaq kieriku, ma ssuktax. Flok għal qassis, Sammut ħatar li jsir Nutar. Il-Gvern ta' l-Ordni, billi ma kienx jaf li Sammut jagħmel ma' l-Isqof (għax kieriku), tah li jsir Nutar (2). Għalhekk, meta Sammut weħel 25 skud mill-Qorti tagħna u ħallashom, dan għamlu, mhux biex ma jitlaqx il-benefizzju kierikali, bħalma qal is-sur Vella, imma biex ma jitlifx il-professjoni ta' Nutar li kellu. Li kieku Sammut ħaqqaqha mal-Qorti tagħna, billi kien juri li din ma kellhiex setgħa fuqu, imħabba li kien taħt l-Isqof bħala kieriku, kien

---

(1) Ara paġ. 251. (2) Sammut laħaq Nutar fl-10 ta' Novembru 1714.

jitlef is-setgħa ta' Nutar minn dak il-ħin li jinkixef x'kien.

Fi żmien l-Ordni, meta wieħed jilħaq Nutar u wara jitlaq is-sudditanza tal-Gran Mastru, kien jitlef is-setgħa li kellu u ma jista' jagħmel ebda kuntratt. Dawk li bil-moħbi kienu jsiru sudditi ta' l-Isqof, jew ta' l-Ingiżitur, u jibqgħu jaħdmu ta' Nutari, meta jinqabdu kienu jiġu magħduda b'qarrieqa, u l-kuntratti tagħhom ma jgħoddux.

Biex, bħallikieku, il-Gvern ikun qiegħed tajjeb u fis-sħiħ, meta dan jaħtar Nutar lil xi ħadd, kien jagħmlu bi ftehim li hu taħt is-setgħa u l-ħaqq tal-Gran Mastru. Iżda, dan il-ftehim kollu ma kien jiswa xejn għal min kien eżenti ta' l-Isqof. Biex ikun jiswa, qabel ma wieħed isir sudditu tal-Gran Mastru, kien irid jitlaq minn sudditu ta' l-oħrajn.

Dan il-ftehim li kienu jagħmlu lil dawk li jilħqu Nutari fi żmien l-Ordni, ma nafux jekk issuktax isir ukoll meta ġibna l-Ingliżi f'Malta. Biss nistgħu ngħidu, li fid-degrieti li ġew f'idejna, u li bihom kienu jsiru n-Nutari, ma sibna miġjub xejn dwar dan il-ftehim li semmejna ta' fi żmien l-Ordni. Tassew li fi żmien il-Franċiżi kienet spiċċat għal kollox minn hawn l-Immunità Ekklesjastika flimkien mas-setgħat li kellhom il-Qrati ta' l-Isqof u ta' l-Ingiżitur, iżda, mar-Rewwixta tal-Maltin għall-Franċiżi, reġgħet twaqqfet mill-ġdid. Għal l-ewwel din kienet fl-irħula biss, iżda, wara t-tluq tal-Franċiżi minn hawn, żdiedet fl-ibliet ukoll.

Id-drawwa ta' kif kienu jsiru n-Nutari fi żmien l-Ordni baqgħet issir ukoll fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta. Din id-drawwa ma taqbel xejn ma' tal-lum. Il-lum, meta wieħed jispiċċa mill-istudju u jgħaddi mill-eżami, imur jagħmel it-tħarriġ tiegħu ma' Nutar, imbagħad, wara xi żmien, jieħu s-setgħat kollha f'daqqa ta' Nutar. Iżda qabel ma kienx hekk. Dari, biex wieħed jasal li jkollu s-setgħat kollha, kien irid jitla' għalihom, ingħidu aħna, tarġa, tarġa'.

Meta xi ħadd jaħseb biex jitħajjar jaqbad il-professjoni ta' Nutar, l-ewwel ma jagħmel kien jidħol skrivan ma' Nutar. Ma' dan irid jagħmel ħames snin, għax hekk kienu jgħidu l-Liġijiet ta' dari. F'daż-żmien kien jagħti ruħu biex jitgħallem l-Istituzzjoni Ġustinjani (d-dritt Ruman) u l-Liġijiet ta' Malta. Wara jagħmel l-eżami f'dawn il-Liġijiet biex jilħaq Stipulant ma' Nutar. Meta jgħaddi, jibda jagħmel dawk il-kuntratti biss, imsejħa bejn il-ħajjin, f'isem in-Nutar li jkun jaħdem miegħu. Dan jiġi jfisser, li għalkemm in-Nutar tiegħu jkollu s-setgħa li jagħmel it-testmenti, l-Istipulant ma jkunx jista' jindaħal għal dawn ukoll. Barra minn hekk, lanqas

ma jkun jista' jaħdem ħlief biss ġewwa l-Offizzju ta' dak in-Nutar li miegħu jkun. Wara li jaħdem għal xi żmien ta' Stipulant, jagħmel eżami għal Nutar. Hawn jagħtuh li jista' jiftaħ Offizzju għalih u jagħmel b'ismu dawk il-kuntratti biss imsejħa ta' bejn il-ħajjin. Biex, imbagħad, ikun ukoll jista' jaħdem it-testmenti, irid jerġa' jagħmel eżami ieħor. U hawn, meta jgħaddi, ikun wasal fl-aħħar tarġa ta' Nutar, billi jkun qala' s-setgħat kollha li għandhom x'jaqsmu ma' din il-professjoni.

L-ewwel Nutar li fi żmien l-Ingliżi ħa s-setgħa li jista' jagħmel ukoll it-testmenti, kien jismu Toni Delicata. Fuq Malta kien għadu jaħkem il-Kungress tal-Maltin, b'Kap tiegħu Xandru Ball. Delicata bagħat talba bil-miktub lil dan il-Kungress. Fiha qal, li hu sar Nutar fi żmien l-Ordni. Kien joqgħod f'Ħal-Qormi, fejn hemm ta' sikwit kien jiġi msejjaħ biex jagħmel it-testmenti. Iżda billi f'Ħal-Qormi, la hu u anqas ebda Nutar ieħor ma kellhom din is-setgħa, in-nies kienu jitbegħdu ħafna mir-raħal biex imorru u jġibu Nutar ieħor minn band'oħra. Għalhekk Delicata, biex ikun jista' jaqdi n-nies li jmorru għalih, u b'hekk jeħlishom minn ħafna taħbit, talab biex jagħtuh li jagħmel it-testmenti. Terġa', billi Delicata kien mixtieq ħafna li jaqla' din is-setgħa għal Malta u Għawdex, qal li hu kien jinsab imħejji li joqgħod għal kull eżami li jridu jagħmlulu.

It-talba ta' Delicata ġiet imressqa quddiem in-nies tal-Kungress. U dawn, kif kienu miġbura fis-Sala tal-Kungress, wara li raw x'ried Delicata, qatgħu, fit-3 ta' April 1799, biex dana jidher quddiem l-Imħallef tal-Qorti ta' l-Imdina.

Hekk għamel Delicata. Mar għand l-Imħallef Ġużê Kalċidon Debono, u dan għamillu l-eżami. Fir-Rapport li fit-22 ta' April 1799 l-Imħallef Debono għamel lill-Kungressisti, qal, li lil Delicata sabu mgħallem u mħarreġ tajjeb mhux biss fl-Istituzzjoni Ġustinjani, ma wkoll fil-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, il-fehma tiegħu kienet li setgħu jagħtuh li jagħmel it-testmenti.

Il-Kungressisti qagħdu fuq li qal l-Imħallef u, fit-22 ta' April 1799, taw id-Degriet, mis-Sala tal-Kungress, biex Delicata jista' jibda jaħdem fis-setgħa li talab.

Wara dan ħa s-setgħa wkoll, għat-testmenti, in-Nutar Nikol Azzopardi. Dan kien ilu f'din s-Sengħa sa mill-1791. Iżda billi fl-1799 ra ruħu li hu tajjeb għat-testmenti, talab li jagħtuhomlu. Meta Azzopardi għadda mill-eżami li għamillu l-Imħallef Debono, mis-Sala tal-Kungress ħareġ id-Degriet, fid-29 ta' April 1799, u tawh li talab.

Dawn iż-żewġ Nutari li semmejna (Azzopardi u Delicata), kienu huma biss li laħqu qalgħu d-Degriet mis-Sala tal-Kungress għas-setgħa li talbu. Iżda, imbagħad, billi Ball laħaq Gvernatur ta' Malta u Għawdex fl-isem tar-Re ta' Sqallija, id-Degrieti, biex wieħed isir Nutar, beda joħroġhom hu.

Ball ried jaħkem hawn bħalma qabel kienu jaħkmu l-Gran Mastri ta' l-Ordni. Għalhekk, fit-3 ta' Mejju 1799, ħatar l-ewwel Udituri tiegħu biex jimxi fuq li jgħidulu huma. Dawn kienu l-Qassis Kunventwali (ta' l-Ordni), Rettur Fr. Dovik Savoye, Lr. Feliċ Cutajar u l-Imħallef tal-Qorti ta' l-Imdina, Ġużê Kalċidon Debono. Ma' dawn it-tlieta, fil-15 ta' Mejju, Ball għażel ieħor, lil Dr. Stiefnu Assenza. Wara xi żmien ħatar ukoll lil Dr. Ferdinandu Muscat. B'hekk, l-Udituri saru ħamsa. Iżda, imbagħad, reġa' tnaqqas wieħed, u baqgħu erbgħa biss.

Mal-ħatra ta' l-Udituri, kull min ried isir Nutar, kellu jibda jidher għall-eżami quddiem dawn.

L-ewwel wieħed li għamel l-eżami għand l-Udituri, kien jismu Ġużê Azzopardi, mir-Rabat ta' l-Imdina. Dan għamel talba lill-Gvernatur Ball biex jaħtru b'Nutar. Fiha qal, li kien ilu mit-22 ta' Diċembru 1794 jaħdem ta' Stipulant man-Nutar Manwel Vitale. Lil dan kien jagħmillu l-kuntratti tiegħu kollha, u kien jidħol għal dak kollu li titlob il-ħidma ta' Nutar. B'hekk, b'dat-taħriġ, tgħallem jaħdem ta' Nutar sewwa. Barra minn dan, ħadem ukoll għal bosta żmien bħala skrivan tal-Qorti ta' l-Imdina, fejn hemm tħarreġ fil-liġijiet. Iżda, billi xi jiem qabel miet in-Nutar Pietru Anton Bezzina, tista' tgħid li, fir-Rabat ta' l-Imdina, ma kienx hemm Nutari. Għalekk talab biex isir hu.

Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' Azzopardi u qata', fis-27 ta' Mejju 1799, biex jersaq quddiem l-Udituri tiegħu. Dawn eżaminawh u sabuh tajjeb, u l-Gvernatur għamlu Nutar, b'Degriet li ħareġ fl-14 ta' Ġunju 1799.

Flimkien ma' Azzopardi, fl-14 ta' Ġunju 1799, in-Nutar Ġlormu Nani qala' s-setgħa mill-Gvernatur, wara li għadda mill-eżami li għamlulu l-Udituri, li jista' jaħdem it-testmenti wkoll.

Wara dawn, tħajjar li jsir Nutar, l-Istipulant Lwiġi Falzon. F'talba li fl-1799 għamel, qal, li kien joqgħod f'Ħal-Lija. Għal bosta żmien ħadem bħala skrivan ma' kemm-il-Nutar, kif ukoll fl-Arkivju tan-Nutari tal-Belt Valletta. Ġie magħmul Stipulant daqs tliet snin qabel it-talba li għamel. Bħala Stipulant ħadem man-Nutar Alojsju Saver Grech.

F'daż-żmien għamel kemm-il-kuntratt f'isem dana Grech. Dejjem qeda sewwa u bir-reqqa kollha lil dawk li qabbduh jaħdmilhom. Iżda billi issa ried jiftaħ Offizzju għalih, xtaq li jsir Nutar. B'hekk isibuh b'iżjed ħeffa dawk kollha li jkunu jridu lilu. Terġa', dix-xewqa l-aktar li ġietu, imħabba li fil-jiem imgħoddija miet in-Nutar waħdani li kien hemm f'Ħal-Lija.

Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' Falzon, u amar, fis-27 ta' Ġunju 1799, biex jidher quddiem l-Udituri. Dawn eżaminawh u sabuh tajjeb għal Nutar. Fuq hekk, fit-22 ta' Lulju 1799, il-Gvernatur għamlu Nutar.

Bħal Falzon, tqanqal ukoll l-Istipulant Diego Vella. Dan qal li għamel tmien snin medhi biex jilħaq Nutar. U minn ħames snin kien qala' biex jagħmel il-kuntratti f'isem in-Nutar Gusê Natal Monreal, kif jidher mix-xhieda bil-miktub li għamillu dan in-Nutar.

Monreal, fix-xhieda li semmejna, qal li Diego Vella, wara li spiċċa ż-żmien tat-tagħlim tiegħu, daħal miegħu fl-Offizzju ta' Nutar biex jieħu din il-professioni. Miegħu għamel dawra ta' tmien snin. F'daż-żmien kien imur jitgħallem ukoll l-Istituzzjoni Imperjali fl-Università. Minn hawn ħareġ b'tagħlim kbir. Fuq hekk kien mogħġub mill-Imgħallmin tiegħu u minn dawk kollha li kellhom x'jaqsmu miegħu. Ara kemm hu hekk, wara tliet snin li għamel ta' skrivan, qala' s-setgħa li jaħdem ta' Stipulant, billi tawh li jagħmel il-kuntratti f'ismu (f'isem Monreal). Dan għamlu u qdieh sewwa għal dawra ta' ħames snin. Għall-ħila kbira li wera f'dan ix-xogħol, saħansitra telaqlu t-tmexxija ta' l-Offizzju tiegħu f'idejh. Barra minn hekk, Monreal tħaddet bosta drabi ma' Vella biex dan jagħtih il-fehma tiegħu dwar ħwejjeġ li kellhom x'jaqsmu max-xogħol tiegħu. Għalhekk hu tal-fehma li ħaqqu ta' min jagħmlu Nutar. Terġa' Vella kien żagħżugħ ta' drawwiet sewwa, tajjeb, mogħti għat-tagħlim u ta' ħila. F'kelma waħda, jinsab mogħni b'dawk il-għamliet kollha meħtieġa biex in-nies tkun tista' torbot fuqu.

Meta Vella ġie eżaminat mill-Udituri, dawn faħħruh ħafna, u qalu li ma setâx ikun imħarreġ għal Nutar aktar milli sabuh li kien.

Għal dak li qalu l-Udituri, il-Gvernatur, fis-26 ta' Awissu 1799, ħatru Nutar.

Kif rajna milli għedna sa hawn, biex dari wieħed kien isir Nutar, ma kienx jistenna li jasal xi żmien li fih hu maqtugħ li għandhom isiru l-eżamijiet għal dawk li jkunu jridu jsiru nutari, bħal-lum; iżda wieħed kien jista' jit-

lob li jiġi eżaminat għal Nutar f'kull żmien, — kull meta wieħed kien ifettillu. Barra minn hekk, meta xi ħadd kien jixtieq li jilħaq Nutar, x'aktarx li kien isemmi xi ħaġa biex biha jirfed u jagħti s-saħħa lit-talba tiegħu. U dan naħsbu li kien isir, biex il-Gvernatur jitħajjar aktar li jilqa' t-talba li jagħmillu u jfittex li jaqtagħlu xewqtu bla dewmien ta' żmien xejn.

Il-Ġurament li jieħdu n-Nutari tal-lum biex jimxu sewwa u jaħdmu bil-ħaqq kollu ma' kulħadd, dari kienu jeħduh malli jgħaddu mill-eżami biex, minn skrivani, jilħqu Stipulanti.

L-ewwel wieħed li laħaq Stipulant fi żmien l-Ingliżi, kien Ġużê Doru Micallef, mill-Belt. Dan għamel talba biex, minn skrivan li kien, isir Stipulant.Fiha qal li għal bosta snin ħadem ta' skrivan ma' xi wħud min-Nutari. F'daż-żmien tgħallem ukoll dak kollu li kellu x'jaqsam ma' din il-profes-sjoni. Għalhekk biex igħaddi iżjed il quddiem għal Nutar, xtaq li jissokta jitħarreġ ta' Stipulant taħt it-tmexxija tan-Nutar Lwiġi Falzon.

Biex Micallef jaqla' wkoll is-setgħa li talab, in-Nutar Falzon għamillu xhieda bil-miktub. Fiha qal, li hu jrid iħalli lil Micallef, malli jsir Stipulant, jibda jagħmel il-kuntratti fl-isem tiegħu (ta' Falzon).

L-Udituri għamlulu l-eżami. U lil Micallef sabuh tajjeb mhux biss fl-Istituzzjonijiet Ġustinjani, ma wkoll kien im-ħarreġ sewwa fis-sengħa ta' Nutar. Għalhekk kienu tal-fehma li jista' jsir Stipulant. Biss, qabel jagħtuh il-Ġurament li soltu jieħdu dawk li jsiru Stipulanti.

Il-Gvernatur sama' mill-Udituri u, fis-17 ta' Frar 1800, tah is-setgħa li talab.

In-Nutari ma kinux jistgħu jżommu aktar minn Stipu-lant wieħed magħhom. Terġa', biex Stipulant jitlaq minn ma' Nutar u jmur ma' Nutar ieħor, qabel kien irid jitlob lill-Gvernatur li jagħtih din is-setgħa. Mingħajr ir-rieda tal-Gvernatur, l-Istipulant ma kienx jista' jħalli lin-Nutar li miegħu jkun.

Is-setgħat li qalgħu l-Istipulanti u n-Nutari li semmejna, kollha ttieħdu fi żmien li l-Maltin kienu qamu għall-Franċiżi u għalquhom fl-ibliet.

F'dik ir-Rewwixta li saret, ħadu sehem kbir fiha xi wħud min-Nutari li kien hawn. Fosthom insibu lin-Nutar Pietru Buttigieg bħala Kap tal-Battaljun ta' Ħaż-Żebbuġ. Dana Buttigieg, għax-xogħol li għamel f'dik il-ħabta, kien qala' setgħa minn għand il-Gvernatur Ball,setgħa li,fi żmien l-Ingliżi

f'Malta, sa fejn nafu aħna, ma ġiet mogħtija lil ħadd aktar.

Meta Ball ta' dik is-setgħa lil Buttigieg, fisser ruħu l-għala kien hekk ħanin miegħu. Ball qallu, li jaf b'kemm ħeġġa u ħrara qabeż għal Artu, sa mill-bidu sewwa tar-Rewwixta tal-Maltin għall-Franċiżi. U dan għamlu bi kbira ħsara ta' saħħtu, tiġrib ta' ħajtu u telf ta' ħwejġu. Barra minn hekk, jaf ukoll li baqa' jaħdem għal Artu bħala Rappreżentant ta' Ħaż-Żebbuġ. Dil-biċċa hi ta' bosta telf għalih, billi mhux f'kull ħin kien jista' joqgħod jaħdem fis-sengħa tiegħu ta' Nutar.

Għal dan it-taħbit ta' Buttigieg,Ball ried li jekk ma jħallsux tat-telf li ġarrab, għall-anqas jilqa' ħalli, il quddiem, ħsara iżjed ma jkollux. Għalhekk, Ball amar biex, f'Ħaż-Żebbuġ, l-ebda Nutar ieħor ma kien jista' jagħmel u jaħdem kull xorta ta' kuntratti, ħlief in-Nutar Pietru Buttigieg waħdu. Biex in-Nutari joqogħdu għal din ir-rieda ta' Ball, ġew imhedda pieni kbar. Min kien jikser dana l-amar tal-Gvernatur, barra milli l-kuntratti li jagħmel ma jkunu jiswew u jgħoddu xejn, in-Nutar kien jeħel ukoll 10 egħwieq kull darba. U dawn il-flus tal-piena kienu jmorru għall-għajnuna tal-fqar (tax-Xjuħ).

Iżda, b'dawn il-pieni kollha li ġew imhedda, meta siefer il-Gvernatur Ball, in-nies tmellħet minn dak kollu li kien amar dan. Flok ma baqgħet tinqeda bin-Nutar Buttigieg, bdiet issejjaħ Nutari oħra f'Ħaż-Żebbuġ. Terġa', mhux dan biss. Meta n-Nutari raw hekk, bdew huma wkoll jibagħtu l-Istipulanti tagħhom f'Ħaż-Żebbuġ biex jittallbu jagħmlu l-kuntratti lin-nies ta' hemm. B'hekk dawn in-Nutari mhux biss kienu jiksru l-amar ta' Ball, imma kienu jonqsu wkoll minn dak li jridu l-Liġijiet ta' Malta. Dawn kienu jgħidu li l-Istipulanti ma jistgħu jaħdmu mkien, ħlief fl-Offizzju ta' dak in-Nutar li miegħu jkunu.

Għal dan il-ksur tal-jeddijiet li kellu, Buttigieg kiteb lill-Gvernatur Cameron u fissirlu fuq is-setgħa li kien tah Ball. Għarrfu, li Ball tah din is-setgħa, billi dan ried juri lill-Maltin, li l-Gvern jaf jara x-xogħol li Buttigieg għamel għal Artu fi żmien l-Imblokk, bħala Kap tal-Battaljun fil-Kamp u bħala Rappreżentant ta' Ħaż-Żebbuġ. Għalhekk talbu biex iwettaq is-setgħa li tah Ball bi ħlas tax-xogħol li kien għamel għal Artu u għall-ġibda li wera lejn l-Ingliżi.

Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' Buttigieg, u wettaq mill-ġdid l-amar ta' Ball.

Ġużè Gatt.

# TAQBIDA TA' ERWIEĦ FL-ARJU

......mimdud għall-mistrieħ ta' nofs in-nhar f'dar qalb ir-raba'. Kien is-sajf, fl-eqqel tiegħu. Żiffa ħajja kienet tħaxwex ġos-siġar tal-ħarrub, tingħi qalb il-ħbula tat-telegraf, taħbat mal-bini għoli tad-dar u ssaffar minn bejn ix-xquq tal-bibien u tat-twieqi magħluqa. U dawk il-ħsejjes, jitħalltu u jitrikkbu, jitbiegħdu u joqorbu, jogħlew u jinżlu mal-mewġa taż-żiffa, stħajjilthom ħsejjes, għajjat, ilħna ta' rwieħ jittajru u jiġġerrew fl-ajru mqabbdin f'taqbida tal-mewt mal-bniedem kiefer li mill-għoli ta' l-ajru, għamara tagħhom, irid joqtol il-ħlejjaq ħutu, bla ħtija.

Buffura riħ twassalli f'widnejja għajjat u twerżiq imdagħdagħ; għajjat ta' min sa jirbaħ u twerżiq ta' min sa jitlef, għajjat ta' min jagħmel ħila u twerżiq ta' min jiesu maqtugħ; ġiri ta' żwiemel, tkarwit ta' kanuni, tisfir ta' balal. U fis-saħna tat-taqbida stħajjiltni nara ġo sħaba duħħan iswed iġsma mtertqa, demm igelgel, dwiefer ta' żwiemel isabbtu fuq l-isdra miftuħa tal-midrubin, it-tellefin jaħarbu u r-rebbeħin jiġru warajhom.

Ir-riħ naqas, u naqsu l-ħsejjes tat-taqbida. Kienet għeja? kien qtigħ il-qalb? kien wiri ta' ħaġa b'oħra biex it-telliefa jduru fuq ir-rebbeħin għal għarrieda? Ma nafx x'kien; naf biss li f'daqqa waħda mewġa oħra għolja taħbat bis-saħħa mall-ħitan tad-dar, u t-taqbida ta' l-erwieħ ta' l-ajru reġgħet xegħlet darba oħra. U mill-ġdid smajt għajjat, twerżiq, żarżir, tkarwit, tisfir, tisbit.... u mill-ġdid rajt dħaħen, mejtin, dmija....

Ma' dik it-taħbita qawwija r-riħ waqa' f'daqqa, u żiffa mejta baqgħet tingħi weħidha u tħaxwex għajjiena qalb il-friegħi. U f'widnejja ħassejt jidwi l-krib tal-midrubin, il-leħġa ta' min sa jmut, it-tħarħir ta' min qiegħed jerfa', l-għajta maħnuqa u mitfija ta' min irid u ma jiflaħx jitħarrek, it-tnehida ta' l-aħħar tislima......

Kemm domt mimdud, dam igħanni r-riħ dik il-għanja waħxija ta' ħrib u ta' qtil, donnu biex iħabbar lid-dinja b'xi ħrib u qtil aktar qalil, jew inebbaħ id-dinja li, jekk iqumu għal xulxin il-ġnus, iqumu wkoll l-erwieħ ta' l-ajru, l-erwieħ tal-ħaqq u tas-sewwa biex igħakksu d-dnewwa, irażżnu l-kburija u ma jħallux tittiefes is-saltna tas-Sliema.

P. P. Saydon.

Awissu 1935
"Dar is-Sliem"
Bingħisa.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot mal-Għadd ta' Ġunju paġ. 53)*

F'dan il-ktejjeb Vassalli jagħti ħjiel ta' l-artijiet tat-Tripolitanja li fihom l-bidwi Malti jista' jgħammar u jaħdem ir-raba': il-ġid li fihom għal dak li hu ilma, minerali, klima, torbija ta' bhejjem, xtut, postijiet, sajd: ħwejjeġ illi għalihom żmien ir-Rumani dik l-art stħoqqilha l-isem ta' "matmura jew suq tal-Mediterran".

Sabiex din l-emigrazzjoni ta' Maltin fil-kosta ta' Barberija tista' sseħħ, u b'hekk jinqata' l-faqar u l-għaks mill-gżejjer ta' Malta, huwa jagħfas fuq il-ħtieġa li hemm sabiex il-Gvern, f'dik l-istaġun, jibda jibgħat, kull sena, in-nies f'dawk l-artijiet u jislef il-flus bl-imgħax tas-sitta fil-mija, sabiex tista' titħaddem l-art taħt it-tmexxija ta' "Diretturi" għaqlin, qalbiena, imħarrġa fl-arti u fis-snajja', u l-iktar fil-biedja li tgħodd għall-artijiet li għandhom jinħadmu, nies li jafu bil-lsien, bil-liġijiet u drawwiet tal-pajjiż. Dawn jieħdu ħsieb iqassmu x-xogħol, igħallmu s-sengħa tal-biedja minn fuq l-aħjar kotba u jħallsu n-nies mill-flus li joħroġ il-Gvern.

Il-ħsieb tat-kittieb jiġi li fis-saħna ta' dan il-proġett ta' emigrazzjoni jittajjar fuq il-ġwienaħ tal-fantażija u xi drabi jibni fuq prinċipji ta' teorija weħidha. Fost ħwejjeġ oħra jsemmi illi "*il-kelma Faqar ma tinsabx miktuba fil-paġni mqaddsa tal-kodiċi tan-natura.*

Iżda din il-massma M. A. Vassalli ma kienx igħidha kif ġieb u laħaq kieku għal mument ġieb quddiem għajnejh kemm b'inkejja ta' bżulitu kellu *missieru* ibati għaks, u jiġi msawwat mill-bnedmin sħabu u mhedded sa xifer il-qabar, saħansitra minn min kellu d-dmir quddiem Alla li jgħallem il-ħniena lejn il-proxxmu !

Proposta oħra li iktarx għandha minn ħolma kienet dik ta' M. A. Vassalli illi l-*art*, *il-baħar* jew *post* li jingħataw lill-Maltin u *n-nies* tal-pajjiż li jaħdmu ma' dawn il-Maltin, għandhom jittieħdu taħt kondizzjonijiet li l-Kolonja Maltija ma jkollhiex x'taqsam mal-liġijiet, *taxxi* u *rabtiet oħra* tal-Gvern tal-pajjiż.

L-istil Ingliż ta' M. A. Vassalli f'dan il-ktejjeb jixħed illi għalkemm l-ewwel tagħlim u torbija li kellu dan it-tifel tal-mejjet Vassalli kienet f'dar u skola Ingliża, maż-żmien, kif dlonk jiġri lil bosta Maltin li jsiefru għal żmien twil jew imorru jgħammru f'artijiet oħra barra minn Malta, huwa

kien jixteħet għat-tagħlim ta' ilsna oħra jew tħarreġ f'ilsna oħra li bihom ma sata' qatt jissaħħaħ fi lsien wieħed. Dik il-ħabta, il-kittieb A. M. Vassalli kellu mal-50 sena.

Wara l-artikoli ta' A. Bonello, tal-Markiż Testaferrata Viani u ta' M. A. Vassalli fil-"Malta Observer" favur l-emigrazzjoni tal-Maltin fil-Kosta ta' Barberija, Antonio Schembri ħareġ bil-ktieb tiegħu taħt l-isem ta' "*Osservazioni Critiche agli articoli sulla Emigrazion dal Gruppo di Malta pubblicati nell'anno 1866 dal* "Malta Observer", fejn wara li fela l-argumenti ta' Testaferrata Viani u merihom, dar fuq dawk ta' M. A. Vassalli u fittex li juri illi l-proposti ta' dan il-kittieb favur l-emigrazzjoni fil-Barberija kienu fiergħa u jktarx imqanqlin minn finijiet oħra, biċċa *politiċi* u oħrajn ta' *interess privat.*

Barra minn dan hu wera illi l-argumenti ta' Vassalli kienu kontra xi prinċipji ekonomiċi, kummerċjali u kontra xi drittijiet internazzjonali tal-lum u li dak li kiteb b'Ingliż *tajjeb jew ħażin* kien kollu ħolm u qerq u xibka minsuba biex taqdi iktarx l-interessi tal-kittieb milli dawk tal-pajżani sħabu !

Bejn il-prinċipju ta' Vassalli u dak ta' Schembri kien hemm biċċa kbira x'taqsam; iżda min minnhom kellu raġun l-iżjed, ħadd ma' sata' jurih ħlief iż-żmien tal-lum.

* * *

Fil-ktejjeb li kiteb dwar l-emigrazzjoni ta' Maltin fil-Barberija, u sew sew fl-ewwel faċċata, Mikiel A. Vassalli, barra milli qal li hu mħarreġ fis-sengħa tal-biedja u li jaf ħamest ilsna, ftaħar li hu kien bin bniedem illi l-kbir Napuljun Bonaparti kien tah it-titlu ta' *Le Fondatuer du Coton en France* u li dan it-titlu jinsab ukoll f'xi dokumenti ta' missieru, miktubin mill-awtoritajjiet Franċiżi u oħrajn mikbin f'xi arkivji ta' Franza.

Dwar dawn id-dokumenti ta' missieru jiena għadni ma stajt insib xejn u fuqhom xejn ma semma Schlienz fost dawk kollha li kien sab fid-dar ta' Vassalli x-xiħ wara mewtu.

Fil-waqt li qed nikteb fuq l-aħħar ġranet ta' Vassalli, minn waħda mill-ittri ta' Schlienz, tkixxift illi Vassalli, meta kien żagħżugħ, kien tassew qiegħed jistudja għal qassis u laħaq ħa l-ewwel erba' ordnijiet sagri.

Minn dokument ieħor tal-Qortî Kriminali jidher ukoll illi wara sentenza ta' turufnament minn Malta (23 Diċembru 1800) "Mikiel Anton Vassalli, ta' 36 sena, kien itturufnat

billi nbagħat fuq xanbekk jismu *L'Anime del Purgatorio* tal-Patrun Pietru Gameo, għal Tunes. Il-Polza tat-Tluq ngħatat lill-passiġġieri fil-31 ta' Diċembru. Dan il-Kaptan telaq għal-Sirakuża".

Fuq hekk nafu illi Vassalli telaq minn Malta b'turufnament fil-31 ta' Diċembru, 1800 u flok ma mar Tunes jew il-Barberija,bħalma kien hemm imfisser f'dokumenti oħra, niżel l-art ta' Sqallija minn fejn naħsbu li fl-aħħar sab it-trieq għal Franza.

* * *

Qabel ma nagħlaq din il-bijografija, kif kont wegħidt, se narġa' nsemmi wieħed wara l-ieħor. u nitħaddet fuqhom iżjed fil-wisa', dawk ix-xogħlijiet ta' kitba Maltija li ħadem Vassalli x-xiħ ma' tul ħajtu.

Iżda qabel ma nagħmel dana, jixraq li hawnhekk nġib, kemm jista' jkun fil-qosor, dak li fuqu kitbu xi nies li għaxu fi żmienu, nies li bħalu kienu kitbu fuq il-Malti grammatka u kotba tal-qari, wieħed minnhom dizzjunarju ċkejken, u għalhekk il-fehma tagħhom fuqu tiswa wisq iżjed minn ta' ħaddieħor.

Il-Kanonku Fortunatu Panzavecchia, kif kont semmejt, kien għax fi żmien Vassalli u kien jafu meta dan raġa' lejn Malta wara l-1820 meta u għal ħabta tal-1825 kien imsejjaħ biex igħallem il-Malti fl-Università fil-waqt li Panzavecchia stess kien Segretarju hemmhekk. Semmejt ukoll illi dan sata' mela ħafna toqob tal-ħajja mqallba ta' Vassalli, l-iktar fil-ktieb li kien ħareġ fl-1835 "Ultimo Periodo della Storia di Malta sotto il Governo dello Ordine", iżda ma jidhirx illi dak iż-żmien Panzavecchia sata' jgħid kollox, bla ma jagħmel ħsara lil xi ħadd.

B'dan kollu, sew sew ftit qabel ma laħaq għalaq għajnejh, Panzavecchia kien stampa il-prefazzjoni tad-"Dizionario Etimologico Maltese ed Italiano ecc." (1850) u fiha, meta ġie biex isemmi x-xogħlijiet li kienu saru mill-bidu nett biex titwaqqaf il-kitba tal-lsien Malti u l-ġrajjiet li għaddew minn fuqha sa żmienu, huwa waqaf fuq Vassalli u fuqu tkellem ċar ħafna.

Wara li jsemmi lill-Kanonku Agius de Soldanis u x-xogħlijiet tiegħu fuq il-Malti, li skond il-fehma ta' Panzavecchia, ma setgħux ikunu ta' fejda biex fuqhom tinbena grammatka Maltija, hu jgħid:

"Wisq iktar lest għal din il-biċċa xogħol, mexa iżjed il quddiem dak l-isventurat minn dejjem iżda qalbieni ta'

Mikiel Anton Vassallo illi bil-ġibda u l-ħila biss li kellu għall-istudju tal-lsien pajjiżu, għalkemm kien nieqes mirrisorsi tal-fortuna, sab il-mezz li jippubblika f'Ruma Grammatka taħt l-isem ta' "Michaelis Antonii Vassalli Mylsen Phoenico—Punicum, sive Grammatica Melitensis Roma MDCCXCI. Apud Antonium Fulgoni", u wara din joħroġ ġabra ta' kliem taħt l-isem ta' "Ktieb il-kliem Malti mfisser bil-Latin u bit-Taljan, sive Liber Dictionum Melitensium, hoc est Michaelis Antonii Vassalli Lexicon Melitense Latino Italium".

Vassallo kien il-bniedem illi għall-almu tiegħu qalbieni u għat-tagħlim li kellu ta' l-ilsna Orjentali kien sata' jmexxi fil-biċċa l-kbira x-xogħol li kien indaħal għalih, iżda mħabba żball li kien għamel it-taħbit tiegħu safa' fix-xejn. U ara kif. Ferħan għax kien mexxa hekk il quddiem biċċa xogħol li ħadd ieħor ma kien irnexxielu jidħol għaliha, rasu saħnet u mimli bih in-nifsu, ħaġa li jħossuha fil-letteratura dawk kollha li jindaħlu għal xi biċċa xogħol kbira bħal din, huwa ried jieħu l-qagħda ta' dittatur u bla ma jitlob il-parir ta' ħadd u jqis il-bżonn u ċ-ċirkustanzi ta' ħadd, fassal ix-xogħlijiet tiegħu fuq kapriċċih u mhux fuq il-bżonn tal-pajjiż, billi ħoloq alfabet skond ma daqqlu f'rasu, qassam il-ġabra tiegħu tal-kliem skond fehmtu, u lil-Lsien Malti tah il-libsa taddjalett ta' pajjiżu (Ħaż-Żebbuġ) illi fil-biċċa l-kbira tal-Gżira xi mindaqqiet bil-kemm jiftiehem. Dawn iż-żellumiet ħassru x-xogħlijiet tiegħu li għalihom madankollu jistħoqqlu li l-Maltin kollha jibqgħu jafuhulu, kif għall-għerf u ħila tiegħu qajjem b'għira kbira l-mibegħda fil-qalb ta' bniedem mir-raħal tiegħu stess li kien qassis bil-mitra (1) u dana għamel għalih u ħaqru. Aħna fuq daqshekk ma nistgħux ma nfaħħrux il-kliem sabiħ li jgħid fuqu fil-Prefazzjoni tal-Grammatka Maltija (bl-Ingliż) bniedem ieħor li ħadem għal-lsien tagħna u li hu Francesco Vella, seħibna fl-iskola u ħabib tagħna.

Ix-xogħlijiet ta' Vassalli għal bosta żmien baqgħu bla ħadd ma ħabbel rasu fuqhom; is-sistema tat-tagħlim Latin li kienet taħkem dik il-ħabta ftit jew xejn ma kienet tiħtieġ dawn ix-xogħlijiet ta' Vassalli, u billi hu daħħal fihom ittri ġodda, mhux biss ma ħtiġux iżda għalkemm ma ngħidux li ma swew għalxejn".

Barra minn Panzavecchia, fuq Vassalli jitkellem ukoll Francis Vella fil-Grammatka Maltija tiegħu (*Maltese Grammar for the use of the English*—1831.)

(1) Iktarx il-Kan: F. S. Caruana li wara sar Isqof.

Hu jgħid :—"Bosta nies, imħeġġin mix-xewqa li jagħmlu l-ġid, studjaw u ħaddmu l-lsien pajjiżhom, u Vassalli huwa wieħed fosthom illi jistħoqqlu l-qima l-kbira tal-Maltin talli dana kien ta ruħu għall-istudju tal-Malti bil-ħsieb li jagħtih is-sura tal-lsien. B'xorti ħażina, iżda, dan il-bniedem ma għamlulu ebda qalb fix-xogħol u taħbit tiegħu li għalih jistħoqqlu kull tifħir, u l-anqas ħadd ma laqa' dan ix-xogħol; Billi ħadd ma tah dik il-għajnuna li setgħet tiswielu,ix-xogħol. u t-taħbit li tħabat safgħu fix-xejn għal dak l-iskop li hu kien xtaqt u kellu f'rasu; u n-nuqqas tal-ħrara f'dawk in-nies illi għal posizzjoni tagħhom jistgħu jagħtu ruħhom b'risq tajjeb għall-ġid tal-pajżani tagħhom, huwa, b'distin ħażin, l-aqwa kaġun li għalih il-Lsienna għadu sal-lum bla alfabet fiss.

Wara erbgħin sena, il-ġenju ta' Vassalli raġa' stejqen, u mħeġġeġ minn xi nies li għamlulu l-qalb biex itemm ix-xogħol li kien beda, huwa fl-1827 ħareġ grammatka ġdida miktuba bit-Taljan, illi (ħlief xi tibdil fil-għamla tat-tipi u fit-taqsim ta' l-istess alfabet) tista' tissejjaħ traduzzjoni tal-grammatika tiegħu miktuba bil-Latin u li hu kien ħareġ fl-1791. Għalhekk din l-aħħar waħda kellha l-istess xorti ta' dik ta' qabel u b'hekk ilsienna għadu fl-istess ilma.

Ix-xorti ħażina li messet lil dawn iż-żewġ xogħlijiet kienu jkunu biżżejjed biex jaqtgħulna qalbna għal xi biċċa xogħol bħal din, li kieku l-ħrara kbira tagħna li nwettqu x-xewqat ta' Vassalli ma ġagħluniex nuru lil Maltin sħabna mhux biss irraġunijiet li għalihom ix-xogħolijiet tiegħu ma waslux fl-iskop li għalih kienu saru (għalkemm fi ħwejjeġ oħra kien ħaqqhom xorti aħjar) iżda wkoll li niflu kemm nistgħu middaqsxejn ta' ħila li għandna, il-mezzi biex inwittu u nħaffu t-trieq, li biha nistgħu nittamaw li jirnexxilna naslu f'dak l-iskop li nixtiequ.

Bosta huma r-raġunijiet li għalihom it-tħabrik ta' Vassalli biex iwaqqaf il-kitba tal-lsien malti, safa' fix-xejn, u l-iktar waħda kienet dik li fix-xogħlijiet tiegħu daħħal sistema nofsha Orjentali. Vassalli nittamaw li għandu jagħdirna jekk aħna morna mal-fehma tal-kotra tal-Maltin ħutna u tbegħedna f'xi ħwejjeġ, mis-sistema tiegħu, sabiex nersqu iżjed lejn dik tal-lsien taljan. Bil-mod li mxejna bih aħna qatt ma kellna l-ħsieb li nċekknulu jew innaqqsulu mill-kobor tiegħu li jibqa' għal dejjem jixhed u jżid il-mertu tiegħu. Il-ħsieb tagħna huwa dak li nżidu biss xi materjal mal-bini li hu, bil-ħaqq kollu, jista' bi dritt igħid li fih kien qiegħed il-biċċa il-kbira tal-pedamenti. Aħna ngħoddu ruħna bħala nies tassew ixxurtjati kemm il-darba, bil-ħidma tagħna,jirnexxilna

nagħtu sehemna fix-xogħol il-kbir li bih, aħna nittamaw li naraw lil sħabna l-Maltin jiksbu l-ġid ta' letteratura li minnha, sal-lum, baqgħu dejjem imċaħħdin."

Dan hu kullma ħasbu u qalu fuq ix-xogħlijiet ta' Vassalli (l-iktar għal dawk li huma grammatki u Dizzjunarji) tnejn min-nies ta' l-iskola li għaxu fi żmienu. Iżda, il-fehma ta' dawna mhix biżżejjed biex tagħti ħjiel sewwa tax-xogħlijiet ta' Vassalli, wieħed wieħed, u ta' dak li jiswew bil-ħaqq u għalhekk barra milli nifluhom u niżnuhom tajjeb ngħidu wkoll il-fehma ta' nies oħra, li għal għerfhom setgħu jifhmu, igħożżu u jistmaw il-wieħed jew l-ieħor mix-xogħlijiet ta' tiegħu.

* * *

L-ewwel ktieb li kiteb u ħareġ Vassalli hu l-"Alfabet Malti mfysser Byl Malti u Byt-Taljân" stampat Ruma fl-1790 għand Antonio Fulgoni. Vassalli dik il-ħabta kellu 26 sena.

Dan l-Alfabet imfassal minnu huwa dak l-istess wieħed li sena wara deher fil-Grammatka Maltija tiegħu miktuba bil-Latin li fuqha nitkellmu wkoll. L-Alfabett igħodd 33 ittra u fosthom issibu xi ittri ġodda magħmulin b'tipi barranin u xort'oħra minn dawk ta' l-ittri Rumani, u dawn huma l-ittri għal-leħen ta' *ġ*, *ċ*, *ħ*, *ħ* (b'leħen eħxen), *g*, *għ*, *għ* (b'leħen eħxen), *q*, *x*, *w*, *v*, *z*,.

It-tifsila barranija u kerha ta' dawn l-ittri kienet, nistgħu ngħidu, il-kaġun li għalih is-sistema tal-grammatka ta' Vassalli ma sabx min jilqagħha tajjeb, saħansitra fost dawk il-ftit li ħabtu jitħajru jitgħallmu l-Malti. Il-ktejjeb fih 24 faċċata. Wara l-ittri u s-sillabar tagħhom mas-sitt vokali (il-leħen ta' *i* ifissru fi tnejn *y* u *i*), jagħti xi *Tagħrif fil-Malti* fejn ifisser il-leħen ta' kull ittra b'eżempji magħha. Fihom ifisser ukoll il-leħen artab ta' *b*, *d*, *g*, *h*, *għ*, *v*, *ż*, f'tarf il-kelma u t-tixbih ta' l-ittri qawwija jew rotob mal-leħen ta' oħrajn rotob jew qawwija.

A. C.

*Jissokta*

# MEWT U XITA....

Karmni "ħaxixa ħażina" ma ridetx, bl-ebda mod, tiċċaqlaq minn maġenb is-sodda tal-mewt ta' binha; l-għażiż binha li kien wasal fl-aħħar ta' ħajtu, għalkemm kien għadu fl-aħjar tiegħu.

Karmi ma kinetx tieħu għaliha min jgħajtilha b'laqamha, wisq iżjed għax dan il-laqam kienet qalgħetu lilha hija n-nifsha, mita, ta' ħamsa u erbgħin sena għomor, tilfet lil żewġha. L-imħabba li kellha lejh kienet kbira u ħafna nies kienu qalu li Karmni ma kellhiex ħajja twila. Imma mita kliem in-nies wasal għala widnejha wieġbet kiesaħ u biered: "tassew li kont inħobbu ħafna lil żewġi, imma jekk Alla ried jeħodhuli x'għandi nagħmel ? Għandi ħafna wlied x'inrabbi u fuq kollox jien "ħaxixa ħażina" ma tantx immut kif ġieb u laħaq". U maż-żmien, li hu l-akbar galantom, kliemha kellu jseħħ.

Meta miet żewġha ħallielha xi trabbi ħamest itfal, il-kbir ta' 12 il-sena u ż-żgħir ta' sena; bejniethom tlitt itfal oħra fosthom tifla li kienet tħobbha daqs il-mimmi ta' għajnejha u sew sew din it-tifla għażiża kellha tkun l-ewwel waħda li kellha tħalli dan il-wied tad-dmugħ mita, ta' għoxrin sena biss, mietet bil-ħlas u magħha mietet ukoll it-tarbija; ħutha ma setgħux jitfarrġu u l-imsejkna Karmni kulħadd qatagħhielha li wara bintha Rożi kellha tmut bil-għali; imma Karmni, it-twajba Karmni, kienet "ħaxixa ħażina" u wara ftit... reġgħet ħadet ir-ruħ.

Għaddew xi snin; it-tliet subien li kien fadlilha baqgħu għożżieb ħalli jkunu jistgħu jduru biha kif jixraq; in-niket intesa, imma l-hemm kien qiegħed ilesti lil Karmni ħasda kerha. U jum minn dawn ġibulha, ħabta u sabta, l-aħbar li binha Leone (l-aħjar wieħed fosthom għall-iskola u li kien għad jilħaq għax kien bravu ħafna u kien sab ġa' impjeg tajjeb ferm) kien qabeż mir-raba' sular ta' l-uffiċċju fejn kien jaħdem għal ġewwa l-bitħa u baqa' mejjet fil-kolp. Xi nies qalu li Leone ma kellux għalfejn jaqbeż għax ma kienx miġnun u ma kien jonqsu xejn u żgur li xi għadu waddbu mit-tieqa. Ingħad li fuq il-ħoġor tat-tieqa nstabu xbihat ta' ħafna saqajn imma.... kliem biss u fatti xejn.... u Leone kien mar id-dinja l-oħra bla kliem u bla sliem.

U b'hekk Karmni "ħaxixa ħażina" kienet tilfet lil binha ta' wara l-kbir. Biki, xhir, mard u x'naf jien u l-qawl malti "Bikja u maħta u kollox imur fis-saħta" reġa' għal darb'oħra

wera li l-qwiel ma jgħidux ħlief is-sewwa. Żewġ żgħażagħ fl-aħjar tagħhom kienu għabu, imma x-xwejħa Karmni kienet għada tferfer sewwa.

U Karmni, li kienet tħobb lil uliedha b'imħabba talġenn, stqarret li aħjar imutu wliedha qabilha; b'hekk kienet tbati hija u mhux huma. Batiet biex ġibithom fid-dinja ma jimpurtax billi tbati ftit ieħor mita tarahom imutulha; għal lanqas hekk kienet żgura li mhumiex sejrin ibatu bil-mewt tagħha u, balleċ! hekk kellu jkun, għax f'sena waħda (xi ħames snin wara li tilfet lil Leone u xi tliet snin wara li bdiet il-gwerra l-kbira) kellha, b'għafsa ta' qalb, tieħu l-aħbar talmewt ta' binha l-kbir fil-gwerra, imgħarraq fid-Dardanelli u, ftit xhur wara ssofri t-telfa ta' binha l-ieħor (ta' qabel iżżgħir) li ħa riħ qawwi u mbarmilha f'kemm ili ngħidlek. Ħasra mill-kbar nett imma.... hekk kellu jkun. Għalja fuq oħra, xhir fuq xhir, biki u tnehid fuq biki u tnehid, u Karmni li armajn kienet drat lill-misħuta Mewt kienet tgħid lillġirien: "Xi triduni nagħmel la Alla jrid hekk u jien 'ħaxixa ħażina'?"

Karmni, immela, baqgħet tgħix ma' binha ż-żgħir li kellu ħanut tal-merċa. Għaddew bosta snin (għax is-snin ma jistennew lil ħadd) u Karmni kienet għadha biżżejjed fuq tagħha; tassew li kienet bdiet tittarrax u ma tantx kienet tara tajjeb imma snien biex tiekol kellha kemm trid u l-fakra, toħroġ ilgħaġeb, kienet tgħinha ferm. Madankollu issa kienet tgħodd wieħed u tmenin sena u ma kienx jimpurtaha billi ma tantx tara u tisma' sewwa; imma lsienha kien għadu jtaqtaq biżżejjed u ta' spiss kien jogħġobha toqgħod ittarraf il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi. Il-ġirien li kienu jafuha minn żmien twil kienu jgħidu f'qalbhom: "Karmni dalwaqt tħallina, din iddarba m'hix sejra taqta' xewqitha." Imma ħadd ma kien isemma' leħnu ħalli ma jagħtuhiex għalja.

Il-ġirien, iżda, din id-darba wkoll, kienu żbaljawha bl-oħxon u kliem Karmni ta' snin u snin qabel kellu jseħħ.

Binha ż-żgħir, raġel li jbigħ is-saħħa u fl-aħjar tiegħu, kellu, huwa wkoll, għalkemm ta' wieħed u erbgħin sena biss, iħalli ġildu qabilha, għax mita ħadd ma kien jistennieha rikeb marda qalila li tefgħetu f'qiegħ ta' sodda u f'qasir żmien ħasditu minn din id-dinja....

U l-imsejken Wenzu, fl-afja tal-mewt, ħares ħarsa lejn l-għażiża ommu u ried kieku jgħidilha....... Imma Karmni, għalkemm xiħa għakka fehmitu malajr u ma ħallitux jitkellem: "Iskot, iskot, ruħi ibni, la taħseb xejn fija, issa li mortuli l-koll, wieħed wara l-ieħor, moħħi mistrieħ u jien ukoll nista'

noqgħod bi kwieti nistenna s-siegħa tiegħi bla biża' ta' xejn għax dejjem għext fil-biża' t'Alla" u kompliet tgerger f'qalbha "Ħadd ma kien jemminni, mita kont ngħidilhom li 'mewt u xita Alla jaf mita'; imma naħseb li issa l-koll jaħsbuha bħali."

U hekk Karmni 'ħaxixa ħażina' baqgħet tgħix weħidha. Kulħadd reġa' qal, kif kienu qalu erbgħin sena qabel, li Karmni ma ddumx ma tmut, imma...... "Mewt u xita......" u Karmni għadha tgħix sal-lum.

Ivo Muscat-Azzopardi.

Lixandra, 24 ta' Lulju 1935.

# BEWSA*

*Fortis ut mors*

Miexja r-Reġina...
Fil-moħba ta' qalbha
il-ġlieda ħarxa bejn id-dmugħ u r-rażan.
Miexja r-Reġina ta' Franza,
Marie Antoinette,
u l-bojja, bla qilla u bla ħniena,
miexi ma' ġenbha.
Fil-misraħ,
—baħar ta' nies li għandhom l-għatx ta' demmha—
hemm lest il-palk,
u fuq il-palk sewdieni
tleqq is-Sikkina taħt id-dija bajda
ta' l-aħħar xemx.

---

* Outside, the noisy thousands awaited her... She stood unmoved by the insults of these people. But when a child kissed its hand to her, she came near weeping.

She left the cart and mounted the scaffold.

Bickley, F.—*Marie Antoinette*
London, 1912. Page 104.

Ma titnihedx il-Mara,
iżda kiesħa bħal lefgħa
tħoss tkexkixa tissaġġar ma' ġisimha,
għaliex bla ħniena tagħfas
il-mibegħda ta' min ħabbejna b'qalbna.
Miexja r-Reġina... ta' reġina l-mixja,
ta' reġina l-imġiba;
iżda fuq wiċċha
għandha s-sfura tal-mewt,
għaliex aktar mill-mewt ħarxa l-mibegħda.

* * *

Miexja r-Reġina...
Qalb il-kotra magħduba
trakha titbissem ħlewwa ta' tarbija
hienja fuq dirgħajn ommha :
b'ħarsa ta' l-anġli
dik il-ħlejqa bla ħtija
tiġbor fuq fommha l-ponot ta' subgħajha
u, 'l fuq mir-rjus, tixħtilha bewsa. Mewġa.
sħuna ta' demm tfawwar mill-qalb imrażżna
tar-Reġina u fuq wiċċha
tinżel demgħa ta' faraġ :
joħla l-morr tal-mibegħda
fil-benna ta' l-imħabba,
u bla tkexkixa
tniżżel rasha r-Reġina
taħt ix-xafra tal-mewt...
Kemm tiflaħ BEWSA !

Dun Karm.

30-vi-35.

# ĠEJJA X-XITA

## GĦANJA FUQ IL-FEHMIET POPOLARI TA' DARI

Taf tgħidilna, nann, x'temp jagħmel?
M'hemmx ħlief sħaba daqs maktur
kollha mqattgħa, x'tista tagħmel?
Ibni xita jkollna żgur,

Għax jekk taħsel dik l-għanqbuta
tagħmel ftit lejn il-punent
temp mill-aktar qalil torbot,
kif ma ddumx ma tara ent.

M'hux ta' dan, issa l-ħmar tiegħi
li ħmistax mitluq kien ilu
ġol-marġ jirgħa bla ma fettxni,
kont dal-waqt qed nifli għamilu:

L-ewwel, dawra dar fuq tiegħu;
widnejh waqqaf, rasu talla,
pruwa mbagħ'd lejn id-dar għamel,
trekken ġewwa, u l-ħdura ħalla.

U 'ssa rajt tpassi 'l quddiem
ma' xfar Malta minn dal-ġenb
qatgħa mbellgħa ta' summien,
donnha wrajha għandha l-maltemp.

Il-pespus kemm kien fuq ruħu
fit-tisfir u fit-tajran;
dejjem hekk fit-tjieb u l-bnazzi
juri ruħu wisq ferħan;

bilkemm issa q'ed jinstama'
kollu ħniena jbejki u jingħi
"Zikk-zi-zik" igħid u jtenni
mnejn hu liebet bejn il-friegħi:

B'dik il-bikja li r-ruħ tislet
b'ġewnħu mmantar fuq saqajh,
u b'għajnejh jingħalqu jridu
donnu jgħidlek x'ġej urajh !...

Ġejja x-xita,—l-ewwel xita—
għax in-nemel tal-ġwienħaj'
minn taħt l-art ħareġ jittajjar
biex jurina li hu ħaj;

u l-ħuttaf bil-qtajja' qtajja'
ma' l-art l-art għaddej' iżiġġ;
sab x'irossu fejn kien qiegħed,
resaq 'l hawn l-għajxien jfittx.

U l-hajbur ukoll tar-rtuba
riekeb fuq ir-riħ tax-xmiel
sħajjeb sħajjeb qed jitlajja
minn tal-ewwel xita ħjel.

Id-dubbien, minn dak li joqros,
ixheb, mutu, beda jfeġġ:
ġie minn taħt ix-xemx iżurna
fuq id-dgħajjes għamel vjeġġ.

Ar' bid-dell li dik is-sħaba
tefgħet fuq dik l-għolja mbiegħda
ta' Binġemma f'daqqa waħda
kemm qrib minn'na tidher qiegħda;

u l-agħsafar illi qabel
kienet fl-ajru q'eda tħuf
kollha nġabru qalb is-siġar:
ibni, x-xita, haw' fit-truf.

R. Mifsud Bonnici.

# KOTBA LI WASLULNA

## (STAMPATI BL-ALFABETT U BL-ORTOGRAFIJA TAGHNA)

DUN KARM—*Żewġ Anġli*—"*Ineż u Emilja*" Rakkont miġjub fil-Malti mit-Taljan ta' D. CAPRILE, pp. 143. Malta, 1935.

Traduzzjoni, fiha nfisha, qatt ma għandha s-siwi letterarju ta' kitba ġdida mir-ras. Għax, f'xogħol ġdid mir-ras il-ħsebijiet u l-libsa, li biha huma miksijin, ġejjin it-tnejn minn awtur wieħed, iżda fi traduzzjoni l-ħsebijiet huma ta' l-awtur ewlieni, u l-libsa letterarja biss hija tat-traduttur. Għalhekk traduzzjoni, bħala xogħol letterarju, fiha nfisha tiswa anqas minn xogħol oriġinali. Iżda mhux żgħir is-siwi letterarju tal-libsa, jew, biex niftiehmu aħjar, tal-għażla, tat-tiżwiq, tar-rabta tal-kliem biex jitfisser sħiħ u safi l-ħsieb tal-kittieb ewlieni; jekk noqogħdu għall-kliem ta' wieħed mill-aqwa kittieba taljani, il-libsa letterarja tiswa tnejn minn kull tlieta li jiswa l-ktieb kollu.

Ma' dawn il-kotba, li l-libsa tagħhom letterarja tkabbar u tgħolli s-siwi tagħhom u tagħtihom il-jedd li jissieħbu ma' l-ogħla kotba ta' letteratura, irridu ngħoddu dan il-ktieb ġdid ta' Dun Karm, maqlub mit-taljan ta' D. Caprile. Rakkont sabiħ fih in-nifsu—żewġ xbejbiet jiltaqgħu f'Kulleġġ, jinħabbu u jsiru bħal aħwa; jinfirdu, imma l-imħabba tagħhom tibqa', u, meta jerġgħu jiltaqgħu, imħabbithom tħabbeb 'il qrabathom miġġeldin għal mewt,— ma kenitx tixraqlu libsa oħra ħlief dik li libbsu Dun Karm, libsa sabiħa u tlellex, imma bi tlellix xieraq u mhux fieragħ. Kliem kollu magħżul bir-reqqa, mirqum bis-sengħa u marbut flimkien bi ħlewwa kbira. Għax Dun Karm mhux biss poëta, li jaf igħanni l-għanja tal-qalb, imma hu wkoll kittieb ta' dehen u għaqal kbir li qatt ma jikteb kelma qabel ma jiżinha bl-akbar reqqa biex tkun taqbel mal-ħsieb tiegħu, u qabel ma jżejjinha bil-ħlewwa biex togħġob u tgħaxxaq il-qarrejja. Għalhekk dan il-ktieb ta' Dun Karm, għalkemm traduzzjoni, ingħodduh ma' l-isbaħ kotba tal-letteratura tagħna.

Biex inkunu għidna kollox, insemmu xi nikta żgħira li ħarbet lill-kittieb bla ma ried. L-ortografija tajba għall-aħħar, iżda ma nafux il-għala bosta drabi l-vokali tal-bidu ta' kelma mhix mixruba mill-vokali tat-tarf tal-kelma ta' qbilha, hekk: faċċ. 16 *hu imħabbti;* faċċ. 17 *waħda iż-żewġ*; faċċ. 17 *oħra il-ħamba*; faċċ. 18 *itennu it-taqbida* u ħafna oħra. Il-*għ* magħduda bħala konsonanti siekta jew bħala vokali, u għal-hekk flok: *biex igħid*, jikteb: *biex jgħid*. L-ewwel vokali tal-verb *iżża*, *iżżiet* qiegħda flok konsonanti tal-għerq u għal-

hekk ma tista' tinxorob qatt mill-vokali ta' qbilha, u għalhekk flok: *imbikki żżiet ħajr* faċċ. 28, għandna niktbu: *imbikki iżżiet ħajr*, bħalma hu miktub sewwa fil-faċċ. 19: *li iddietha*. Faċċ. 7 *għajnejha rżini*, il-plural ta' *rżin* hu *rżân* u mhux *rżini*, bħal: *tqil = tqal*, *twil = twal*, *kbir = kbar*, *sħiħ = sħaħ*, *żgħir = żgħar*.

Fil-*Kelmtejn ta' Qabel* Dun Karm wiegħed li jindaħal għal xi xogħol ieħor jekk dan jingħoġob. Nagħtih kelma, u miegħi jissieħeb kull min qara l-ktieb, li x-xogħol ingħoġob sħiħ u xogħlijiet oħra bħalu huma mixteqin bil-ħerqa.

S.

* * *

Ftehima—Fuq it-twissijiet li "S" għamilli fuq xi niktiet li dehru fil-ktieb tiegħi "Ineż u Emilja" nixtieq ingħarraf:

a) illi xi wħud minn dawk in-niktiet huma, bħal ma qal "S", żbalji ta' l-istampa;

b) illi xi oħrajn ħarbu lili fil-korrezzjoni tal-provi, għaliex toqgħod kemm toqgħod b'għajnejk miftuħa xi rqaqat jiżolqulek: bosta iżjed meta inti tkun l-awtur ta' dik il-kitba, li għalhekk ftit jew wisq tkun tafha bl-amment, u fil-qari tal-provi tiġri bil-ħsieb aktar milli tiġri bil-għajnejn;

c) illi f'xi oħrajn ma naqbelx għal kollox ma' S, u fiħsiebni nwieġbu f'għadd ieħor ta' "Il-Malti".

**Dun Karm.**

* * *

Dun Karm Farrugia dd.—*Tagħlim Nisrani fuq il-Katekismu tal-Kard P. Gasparri* pp. 158 Stamperija tal-Gvern.

Ktieb mixtieq u mistenni għax ta' ħtieġa u tagħlim kbir Stampat mill-Gvern għall-Iskejjel. Nifirħu bil-qalb lill-ħabib tagħna l-kittieb tiegħu, li għaraf b'dehen u għerf liema bħalu jiktbu bi lsien safi u fl-istess ħin mexxej u xieraq. Taħt is-sura ta' mistoqsija u tweġiba fih kulma jeħtieġ ikun jaf in-nisrani biex jaqdi sewwa dmirijietu, iqaddes ruħu bis-sagramenti u jitwettaq fil-virtujiet.

* * *

George Zammit b.a.—*Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir għall-1935* pp. 18. Empire Press.

Ktieb żgħir li kull sena jistampa l-Kumitat tal-Festa bid-diskors li jkun sar dik is-sena b'tifkira tar-Rebħa tal-Maltin ta' l-1565. Nifirħu lis-sur Zammit ta' l-erba' kelmiet sbieħ u

li tassew ħarġu minn qalbu, iżda jisgħobbina ngħidu li l-ortografija ta' dan il-ktieb jonqosha ħafna u ħafna biex tkun tajba. Għid illi dan il-ktieb ikollok tgħid li hu stampat bl-alfabett tal-*Għaqda*, ma nafux ħtija ta' min, ġie stampat mimli żbalji ta' l-Ortografija li—kif aħna l-lum, il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u l-Gvern id f'id jaħdmu biex il-Malti jimxi 'l quddiem miktub b'ortografija waħda—itellfu nofs il-preġju. Sew jekk hi ħtija ta' l-awtur, kemm jekk hi tal-Kumitat tal-Festa nittamaw li sena oħra dan ma jarġax jiġri.

* * *

DUN ĠUŻEPP M. XERRI. *Lin Nisrani.* pp. 152 Empire Press.

Xogħol ieħor bl-alfabett u bl-ortografija tal-Għaqda, maħruġ f'dawn il-ġranet, hu il-ktieb "Lin-Nisrani—Il-Kmandamenti t'Alla" mfissrin minn Dun Gius. M. Xerri: tagħlim sabiħ u ta' fejda, sewwa għaż-żgħar u sewwa għall-kbar, billi hu magħmul mistoqsijiet u tweġibiet, imżejnin, dawn, b'tifsir tal-kmandamenti l-oħra kollha li bħala friegħi minn siġra, joħorġu mill-għaxar kmandamenti ewlenija.

J'Alla l-awtur isib dik il-qalb li jistenna mill-qarrejja tal-Malti, ħalli jagħtina l-kotba l-oħra li wegħedna fuq il-Preċetti tal-Knisja, u fuq is-Sagramenti.

* * *

A. CREMONA—*Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*—L-Ewwel Ktieb pp. 106 Empire Press.

Grammatka tal-Malti bħal din kellna tassew bżonnha. Il-ħabib tagħna is-sur Nin Cremona, bil-għajnuna taż-żewġ xogħlijiet manuskritti tas-surmastrijiet G. Ebejjer u G. A. Cilia, qassam ir-reguli tal-Grammatka Maltija u stampahom għal idejn it-tfal ta' l iskejjel tal-Gvern. Is-sur Cremona jafu kulħadd u għalhekk ma hemmx bżonn infaħħruh u lanqas noqogħdu naraw kemm swielu xogħol; biss nittamaw, anzi żguri, li dan il-ktieb tiegħu jkun ta' l-ikbar fejda u għajnuna għat-tfal biex jibdew jitgħallmu l-Ilsien maħbub tagħna: il-Malti.

Nittamaw ukoll li ma jdumx ma jkollna f'idejna t-tieni ktieb tal-Grammatka li hu wegħedna, ktieb li jkun igħodd għal min ikun irid jidħol iżjed il ġewwa fl-istudju tal-Malti u l-iżjed għat-tfal ta' l-Iskejjel Sekondarji u għal dawk li jkunu jridu jersqu għall-eżamijiet tal-Malti.

* * *

G. A Cilia—C. Midgley. *Taghlim fuq id-dinja.* L-Ewwel u t-Tieni Ktieb pp. 40 u 46. 1935. A. Wheaton & Co. Ltd. Exeter.

It-tifel ma tistax ittih l-ewwel taghlim hlief permezz ta' lsien art twelidu. Tifel biex turih, tfiehmu, tghallmu suġġett ta' htieġa u ta' fejda, ma tistax tinqeda b'ilsien li ghad ma jafx biżżejjed ghax ghadu kemm beda jitghallem. *Kellimni bil-Malti 'kk tridni nifhmek.* Ghalhekk ma setax ikun isbah, itjeb u iżjed ta' fejda l-hsieb li f'idejn it-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern tawhom kotba żghar ta' Ġjografija miktuba u miġjuba ghalihom bil-Malti. Is-sur G. A. Cilia, b'sengha u dehen ta' mghallem ta' l-Iskola qaleb ghall-Malti dawn il-kotba u sawwarhom ghal idejn it-tfal Maltin. Xoghol tassew sabih u li rnexxielu kemm jista' jkun.

S'issa, minn dawn l-kotba, harġu tnejn : l-ewwel wiehed *X'nitghallmu fil-Ġjografija* li fih fuq il-bidu tal-Ġjografija, tqassim ta' mappi, gholjiet u widien, fih fuq xita u rih, klima biedja eċċ; it-tieni jithaddet fuq l-*Artijiet tal-Mediterran* jiġifieri jiddeskrivi fil-qosor u jghallem fuq l-artijiet li huma l-aktar qrib lejn Malta. It-tfal—u mhux it-tfal biss—isibu f'dawn il-kotba ghajn ta' taghlim mehtieġ u, kif inhu miktub bi lsienhom, li jistghu jifhmuh iktar bil-heffa.

F.

# KOTBA OHRA

Dun Bosco Qaddis. Ktieb żghir ghat-tfal. Xoghol ta' Alf. M. Galea. Sliema; Stamperija tas-Salesjani, 1934.

Ktieb minn tas-sur Fons hu dejjem ktieb fejjiedi. Jien qatt ma qrajt ktieb minn tieghu u ma tghallimtx xi haġa, u dan il-ktieb fuq Dun Bosco Qaddis jiswa mitqlu deheb.

Is-sur Fons jikteb : il-kelma maltija fil-kotba tieghu mirquma u mexxejja kif ghandha tkun. Dan il-kittieb, il-lum maghruf minn kulhadd, ma jiktebx bl-ortografija tal-Ghaqda, mhux ghaliex ghandu xi jghid maghha, iżda ghaliex billi hu beda jikteb bosta żmien qabel ma saret il-Ghaqda, issa jidhirlu li ma ghandux ibiddel : nahfruhielu.

U nixtiequ li dan il-ktieb jiġi f'idejn kulhadd, ghaliex, ghalkemm is-sur Fons ighidilna li hu maghmul ghat-tfal, ahna nahsbu li l-kbar ukoll jistghu jitghallmu hafna minnu, sewwa fuq Dun Bosco u wliedu, is-Salesjani, u sewwa ghal dak li hu lsien malti fil-kelma u fin-nisġa tieghu, li s-sur Fons dejjem habb b'qalbu kollha.

**Dun Karm.**

## KOTBA U RIVISTI STAMPATI BL-ORTOGRAFIJA U L-ALFABET TAL-*GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

**GRAMMATIKA U ORTOGRAFIJA**

1924 *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* pp 132 Stamperija tal-Gvern.
1928 G. VASSALLO *L'Ortografia Maltese* pp 82 Empire Press.
1932 F. S. CARUANA *Grammatika u Ortografija tal-Matli fil-qosor* pp 20 Empire Press.
1934 F. S. CARUANA *Grammatka u Ortografija tal-Malti fil-qosor* pp 20 Empire Press.
1935 A. CREMONA *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*--L-Ewwel Ktieb pp 106 Empire Press.

**RIVISTI U ĠURNALI**

IL-MALTI kull tliet xhur 1925-
IL-QARI MALTI (Port Said) 1928-30. 1935-
LEHEN IL MALTI kull xahar 1931-
MELITA AGRICOLA 1934-
IL-BERKA 1935-

**KOTBA OĦRA**

1922 F. S. CARUANA *Sta. Barbara V. M.* pp 8. Tip. Chrétien
1924 PARR. SAC. CARLO CORTIS M.A.,D.D., *Ruth* pp LIX Tip. Giov. Muscat.
1925 A. CREMONA *Xinhu l-Malti Safi* pp 36 Empire Press.
1925 TEM. ZAMMIT *Il-Gżejjer ta' Malta u l-Grajja tagħhom* pp 167 Empire Press.
1926 E. B. VELLA *Ħaż-Żabbar bil-Ġrajja tiegħu* pp 88 Empire Press.
1927 ĠUŻÊ BONNICI *Imħabba u mibegħda* pp 64 Empire Press.
1927 DUN KARM *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir* pp 16 Empire Press.
1927 E. B. VELLA *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk* pp 147 Empire Press.
1928 G. GALEA *Il-Knisja ta' Ħal-Qormi* pp 26 Dar ta' S. Ġużepp.
1929 DUN P. P. SAYDON *Ktieb il-Ġenesi* pp 85 xv Empire Press.
1930 E. B. VELLA *Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha* pp 232 IV Empire Press.

1930 DUN P. P. SAYDON *Ktieb l-Eżodu* pp 72 VIII Empire Press.
1930 T. Z. *Tas-Sliema u San Ġiljan* pp 40 Empire Press.
1930 G. GALEA *Storja qasira ta' S. M. Ordni Konstantinjan ta' San Ġorġ* pp 36 Ant. Ellul.
1930 DUN P. P. SAYDON *Il-Malti u l-Ilsna semin* pp 36 Tip. Giov. Muscat.
1930 E. B. VELLA *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbira* pp 22 Empire Press.
1930 DUN P. P. SAYDON *Ktieb il-Levîtku* pp 50 VI Empire Press.
1930 N. N. *Sebgħa u sebgħin grazzja u rebħ wieħed jaqla' meta jisma' u jgħin il-Quddies* pp 10 Empire Press.
1931 DUN P. P. SAYDON *Ktieb in-Numri* pp 65 VI Empire Press.
1931 do *Ktieb id-Dewteronomju* pp 60 VI Empire Press.
1931 ROS. BRIFFA PH. C. *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir* pp 22 Empire Press.
1931 DUN P. P. SAYDON *Tifsir il-Kliem* pp Empire Press.
1931 do *Ktieb Ġożwè* pp 41, VI Empire Press.
1932 E. B. Vella *Storja ta' Ħal-Tarxien u Raħal il-Ġdid* pp 304 XVI Empire Press.
1932 DUN KARM *Il-"Ħmistax-il-Warda"* pp 30 Empire Press.
1932 DUN P. P. SAYDON *Ktieb l-Imħallfin u Ktieb Rut* pp 51 VI Empire Press.
1932 NINU CREMONA *Weraq mar-riħ* pp 50 Empire Press.
1932 GHAQDA TAL-MALTI (Univ.) *Tagħlim il-Malti fl-imgħoddi u l-lum* pp 24 Lux Press.
1933 DUN P. P. SAYDON *Il-Kotba ta' Samwel* pp 94, VI Empire Press.
1934 SIR TEMI ZAMMIT *L-ewwel għajnuna lil min ikorri* pp 244 Empire Press.
1934 M. AGIUS *Is-SS Salvatur f'Malta* pp 56 Dar ta' San Ġużepp
1934 ANT. G. MAMO B. A. *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir* pp 16 Empire Press.
1934 DWARDU CACHIA *Katrin ta' l-Imdina*, b'daħla u tifsir ta' Dun Karm pp 18 Empire Press.
1934 E. B. VELLA *Ġabra ta' Ward* I Ktieb pp 86 Oxford University Press.

1934 SIR T. ZAMMIT *Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja tagħhom* pp 176 Empire Press.

1934 PATRI ĠORG XERRI *Il-Kbira Missjoni tas-Saċerdot ta' Kristu* pp 24 Lux Press.

1934 E. B. VELLA *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha* pp 506 XVI Empire Press.

1934 *Regulamenti Ġenerali. Każin Soċjali-Rabat* pp 10 Empire Press.

1934 *Antoloġija Maltija għat-tfal ta' l-ogħla klassijiet ta' l-Iskejjel tal-Gvern* pp 208 stampati Malta Chronicle.

1934 F. S. CARUANA *Xi Verbi Maltin bis-suriet imnissla tagħhom* pp 20 Empire Press.

1934 MONS. G. DARMANIN *Ir-Reliġjon Imgħallma liż-żgħar* pp 64 Torino Tip. Società Editrice Internazionale.

1934 F. A. STOCKDALE *Rapport fuq l-istat tal-lum tal-biedja miġjub bil-Malti*—pp 72 Stamperija tal-Gvern.

1935 C. MIDGLEY—G. A. CILIA *X'nitgħallmu fil-Ġjografija* (Tagħlim fuq id-dinja—l-Ewwel Ktieb) pp 40 Exeter.

1935 SIR TEMI ZAMMIT *Ġabra ta' Kitba* -L-Ewwel Ktieb pp 32 Empire Press.

1935 G. ORLANDO *25 Tqabbila* pp 24 Lux Press.

1935 M. KISSAUN *Il-Ħajja tar-Re Ġorġ V u tar-Reġina Marija* pp 100 Empire Press.

1935 DUN ALWIG GALEA *Ħajja ta' S. Franġisk di Paola* pp 144 Lux Press.

1935 PATRI ĠORG XERRI O.F.M. *Storja Qasira ta' l-Arċik. tas-SSmu. Kurċifiss tal-Belt Valletta* pp 56 Lux Press.

1935 ROB. MIFSUD BONNICI *L-Isem t'Alla* pp 16 Holy Name Press.

1935 DUN KARM FARRUGIA *Tagħlim nisrani* pp 158 Stamperija tal-Gvern.

1935 D. CAPRILE—DUN KARM *Żewġ Anġli Ineż u Emilja* pp 143 Giov. Muscat.

1935 GEORGE ZAMMIT B A. *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir* pp 18 Empire Press.

1935 DUN GIUS. M. XERRI *Il-Kmandamenti t'Alla* pp 151 Empire Press.

1985 E. B. VELLA *Ġabra ta' Ward* II Ktieb pp 98 Oxford University Press.

1935 C. MIDGLEY—G. A. CILIA *L-Artijiet tal-Mediterran* (Tagħlim fuq id-Dinja—It-Tieni Ktieb) pp 45 Exeter.